

Brussell, 27 ta' Settembru 2024
(OR. en)

13235/24

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0406(COD)**

**CODEC 1783
DRS 67
COMPET 887
ECOFIN 972
EF 281**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar strutturi ta' ishma b'vot multiplu f'kumpaniji li jfittxu l-ammissjoni għan- negozjar tal-ishma tagħhom f'faċilità multilaterali tan-negozjar (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fis-7 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikoli 50(1), 50(2)(g) u 114 TFUE.
2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fis-6 ta' Frar 2023².
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-23 ta' Marzu 2023³.
4. Fl-24 ta' April 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni (mingħajr revizzjoni mill-ġuristi lingwisti). Wara l-finalizzazzjoni tat-test adottat mill-ġuristi lingwisti, il-Parlament approva rettifika għal dik il-pożizzjoni fis-sessjoni plenarja tiegħu tas-16 sad-19 ta' Settembru 2024. Din tirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandha tkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.

¹ 16168/22 + COR 1.
² ĠU C 65, 22.2.2023, p. 2.
³ ĠU C 184, 25.5.2023, p. 103.
⁴ 13098/24.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 23/24, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
